# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 1 ta’ Frar, 2023

Fl-atti tar-rikors għall-ħrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 62/2023ISB** fl-ismijiet :

**LifeStar Holding plc (C 19526); LifeStar Insurance plc (C 29086); GlobalCapital Financial Management Limited (C 30053)**

**vs**

**Awtorita’ għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta; Mazars Consulting Limited (C 29387) u Keith Cutajar (98288M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrent fit-13 ta’ Jannar 2023 fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, is-soċjetajiet rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta, Mazars Consulting Limited u Keith Cutajar milli :

> *...Direttament u/jew indirettament janalizzaw jew ikomplu janalizzaw, jaqraw jew ikomplu jaqraw, jaccessaw jew ikomplu jaccessaw, juzaw jew ikomplu juzaw jew b’xi mod iehor jiprocessaw kwalsiasi informazzjoni u/jew dokumentazzjoni (sia elettronika u sia fizika) privileggjata a tenur tal-art. 588 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u li*

*giet skambjata bejn ir-rikorrenti, jew min minnhom, u l-avukati u accountants inkarigati minnhom (u vice-versa) u jigu projbiti individwalment u kull wiehed u wahda minnhom milli b'xi mod jizvelaw u/jew ikomplu jizvelaw tali informazzjoni u/jew dokumentazzjoni lil terzi (inkluz lill-intimati l-ohra)"*

u dan għar-raġunijiet u l-premessi magħmula, ċioe`:

*Illi r-rikorrenti LifeStar Holding p.l.c. u LifeStar Insurance p.l.c. huma socjetajiet pubblici illi l-istrumenti finanzjarji taghhom gew ammessi ghall-elenkar mill-Awtorita' intimata a tenur tal-Kap. 345 u huma ikkwotati fuq il-Lista Ufficjali tal-Borza ta' Malta;*

*Illi LifeStar Insurance p.l.c. hija sussidjarja ta' LifeStar Holding p.l.c.;*

*Illi di piu' LifeStar Insurance p.l.c. giet awtorizzata mill-Awtorita' intimata biex tmexxi il-kummerc ta' assikurazzjoni fuq il-hajja a tenur tal-Kap. 403;*

*Illi GlobalCapital Financial Management Limited hija wkoll sussidjara ta' LifeStar Holding p.l.c.;*

*Illi GlobalCapital Financial Management Limited giet awtorizzata mill-Awtorita' intimata biex tipprovdi servizzi tal-investiment a tenur tal-Kap. 370;*

*Illi fl-4 ta' April 2022, ir-rikorrenti intavolaw kawza permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet premessi, rikors numru 292/2022 CFS (Kopja annessa mmarkata Dok A).*

*Talbu lil din l-Onorabli Qorti sabiex previa li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni:*

*1. "Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-deċiżjoni u, jew ordni tal-Awtorita' intimata skond l-ittra tagħha tal-25 ta' Jannar 2022, u li abbazi tagħha l-intimati, jew minn minnhom, hadu taht il-pussess u l-kontroll tagħhom informazzjoni u dokumentazzjoni privileġġjata skond il-ligi hija nulla u invalida minħabba li (i) ttiehdet bi ksur tal-Kostituzzjoni; u, jew (ii) kienet waħda ultra vires u illegali ghall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tagħti kull ordni u provvediment li jidhrilha li jkun xieraq fil-konfront tal-Awtorita' intimata u tal-intimati l-oħra Mazars Consulting Limited u Keith Cutajar, jew min minnhom, inkluz mizuri interim biex id-drittijiet tar-rikorrenti ma jiġux ppreġudikati pendent lite, u biex tneħħi l-effetti tal-imsemmija deċiżjoni u, jew ordni u dawk konsegwenzjali għaliha u li terga' tqiegħed lir-rikorrenti fl-istess qagħda li kienu qabel ma ttieħdet dik id-deċiżjoni u, jew ordni, inkluz billi tordna illi jiġi ritornat lilhom id-data kollha li ġiet elevata minn fuq is-servers, laptops, computers, u email accounts tar-rikorrenti billi l-istess data tikkomprendi fiha informazzjoni u dokumentazzjoni privileġġjata skond il-ligi;*

*3. Sussidjarjament, bla ħsara għas-suespost, tiddikjara lill-intimati, jew lil min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti kawza tad-deċiżjoni u, jew ordni fuq imsemmija, tillikwida l-istess danni u tordna lill-intimati, jew lil min minnhom, iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*

*4. Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni;"*

*Illi qabel ma ntavolaw ir-rikors guramentat suriferit, kienu pprezentaw rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta'Jannar 2022 ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 120/2022MH kontra l-intimati (u kontra xi intimati ohrajn). Permezz tar-rikors imsemmi, r-rikorrenti kienu talbu, inter alia, sabiex l-intimati jigu inibiti milli:*

*"direttament u/jew indirettament jaqraw jew ikomplu jaqraw, jaccessaw jew ikomplu jaccessaw, izommu fil-pussess taghhom jew ikomplu jzommu fil-pussess taghhom (jew altrimenti accessibbli ghalihom) juzaw jew ikomplu juzaw, iżommu jew ikomplu jzommu kopja, jew b'xi mod iehor jiprocessaw kwalsiasi informazzjoni u/jew dokumentazzjoni (sia elettronika u sia fizika) privileggjata a tenur tal-art. 588 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u li giet skambjata bejn ir-rikorrenti, jew min minnhom, u l-avukati u accountants inkarigati minnhom (u vice-versa) u jigu projbiti individwalment u kull wiehed u wahda minnhom milli b'xi mod jizvelaw u/jew ikomplu jizvelaw tali informazzjoni u/jew dokumentazzjoni lil terzi (inkluz lill-intimati l-ohra);"*

*Illi waqt is-smiegh ta' dak ir-rikors, ir-rapprezentant tal-Awtorita' kien iddikjara bil-gurament illi l-Awtorita' m'ghandha ebda intenzjoni li taghmel dak li r-rikorrenti kienu qeghdin jippruvaw izommu l-Awtorita' milli taghmel fir-rikors imsemmi (ara digriet tat-18 ta' Frar 2022, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok B).*

*Illi din il-Qorti wara li rat id-dikjarazzjoni tar-rapprezentat tal-Awtorita' intimata u wara li semghet il-partijiet kienet iddecidiet is-segwenti permezz tad-digriet taghha tat-18 ta' Frar 2022 (Dok B):*

*"... Illi l- Qorti mħux ħa tagħmel rassenji fit- tul tal- provvedimenti li jingħataw fi stanza simili basta li wieħed iżomm f' moħħu l- vot tal- Artikolu 873 tal- Kap. 12. Hawn mhux se teżamina in funditus tal- jedd pretiż, għalkemm tagħraf illi* ***tali jedd huwa vera u reali u jinħtieġ li dejjem jigi protett altrimenti jafu jiġu stultifikati id- drittijiet fundamentali marbuta mas- smiegħ xieraq meqjus mill- att wiesgħa tiegħu***[1]*.*

[1] Enfazi mizjuda

*Pero' detto cio, barra l- esistenza tal- jedd, element kumulattiv li jintieġ li jiġi sodisfatt huwa dak ta' preġudizzju irrimedjabli għas- success tat- talba in eżami. Ukoll in kwantu għal preżenza tal- Awtorita' intimata japplika l-vot tal- Artikolu 873(3) tal- Kap 12.* ***Raymond Schembri in rappreżentenza tal-istess Awtorita' assigura dan meta xehed li l-Awtorita ma kellha ebda ħsieb ta' dak lir-rikorrenti rridu li jiġi miżmum.***

*Jibqa' tibattut jekk din id- dikjarazzjoni magħmula minn rappresentant tal-Awtorita' torbotz lill-Mazars Consulting Limited u lil Dr Keith Cutajar.*

*Tqies illi in kwantu dawn, kif jaqblu l-partijiet, huma lunga mano tal- istess Awtorita', kull dikjarazzjoni magħmula mill- istess, turbot b'mod totali u komplet lil dawn, altrimenti takun l-istess Awtorita' li fuq l- ingaġġ tagħha qedgħin jaħdmu li tkun kissret dak minnha dikjarat bil- ġurament.*

*Tqies illi kemm Mazars u Dr Keith Cutajar fin in fondo jaqdu doveri mogħtija bl- iskop tal- funzjoni tal- istess Awtorita', konsegwentament tqies u tikkunsidra illi* ***hija responsabbilita' tal- Awtorita' illi tara u tassigura illi ma jiġi mittiefes ebda privileġġ vantat fl-ambitu' tad-dikjarazzjonijiet magħmula għax l-investigazzjonijiet kollha qed issiru għal- iskop tagħha u fi ħdan il- funzjonijiet tagħha[2].***

*Fil- kumplament ta' l- intimati l-oħra mħarka għal kull interess li jista' jkollhom ma jirrizultax lir- rikorrenti resqu xi lanjanza ta' sostanza fil-konfront.*

*Konsegwentament il-Qorti tiċħad it- talba* ***b' dan illi kullħadd għandu jżomm f'moħħu dak dikjarat mill- Awtorita' u r-responsibilitajiet inkorsi jekk tali jiġu miksura.'*'**[3]

*Illi ma hemmx dubbju li d-dikjarazzjoni sucitata tar-rapprezentant tal-Awtorita' kienet u baqghet torbot kemm lill-istess Awtorita' kif ukoll lill-intimati Mazars u Cutajar.*

*Illi fit-12 ta' Dicembru 2022, xehed Alan Craig, rappresentant tal-intimata Mazars fil-kawza suriferita (ara traskrizzjoni hawn annessa bhala Dok C, pagni 10-11) minn fejn jirrizulta li kuntrarjament ghad-dikjarazzjoni sucitata tar-rapprezentant tal-Awtorita intimata, l-intimati l-ohra Mazars u Cutajar, jew min minnhom, rcevew struzzjonijiet mill-istess Awtorita' biex jibdew janalizzaw u/jew jipprocessaw l-informazzjoni/data mehuda mis-servers, laptops u l-email accounts tar-rikorrenti.*

*Illi bir-rispett dovut, jekk l-intimati, jew min minnhom, jipprocedu kif ikkonferma x-xhud Alan Craig biex janalizzaw u, jew jipprocessaw id-data li ghamlu kopja taghha minn fuq is-servers, laptops u l-email accounts tar-rikorrenti, inkluz l-informazzjoni u/jew dokumentazzjoni privileggjata li*

[2] Enfazi mizjuda
[3] Enfasi mizjuda

*hemm fiha u li huma hadu f'idejhom minghajr il-kunsens tar-rikorrenti ser jigu lezi id-drittijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-informazzjoni u/jew dokumentazzjoni koperta bil-privilegg professjonali. Illi l-privilegg professjonali huwa sancit u protett mil-ligi nostrana, inter alia, l-art. 588 tal-Kap. 12, apparti li huwa protett ukoll permezz tal-art. 38, 39 u 41 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 u 8 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (esegwibbli f'Malta permezz tal-Kap. 319).*

*Illi la darba l-intimati ghazlu arbitrarjament u abuzivament li jaghmlu kopja tad-data kollha minn fuq is-servers, laptops u l-email accounts tar-rikorrenti l-analizi ta' dik id-data necessarjament ser twassal biex l-intimati, jew min minnhom, jaccedu ghall-informazzjoni u/jew dokumentazzjoni privileggjata tar-rikorrenti, u dan anki jekk (dato ma non concesso) mhux intenzjonalment. Dan ammettieh ir-rapprezentant ta' Mazars stess fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Dicembru 2022 fejn stqarr: "**Bil-fors, xi hadd irid jibda jaqra dak id-dokument biex jinduna li din tista' tkun privileged**[4], so as soon as that happens trid tigi flagged u l-process ser jitwaqqaf" (Dok. C, pagna 10). Anki fil-kaz li din tigi flagged kif qed jghid li jista' isir l-istess rapprezentant, f'dak il-mument ikun diga' tard wisq ghax fil-frattemp l-intimati, jew min minnhom, ikunu lahqu qraw dak id-dokument privileggjat (in toto jew in parte).*

*Illi apparti minn hekk, jekk l-intimati, jew min minnhom, ser jipprocedu biex janalizzaw u/jew jipprocessaw l-informazzjoni/data mehuda mis-servers, laptops u l-email accounts tar-rikorrenti, li fiha informazzjoni u/jew dokumentazzjoni privileggjata tar-rikorrenti, l-intimati bl-agir taghhom ser ikunu qed jiksru wkoll id-dikjarazzjoni guramentata maghmula mir-rapprezentat tal-Awtorita' quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 120/2022MH. Illi kif spjegat l-istess Qorti dak ir-rikors gie deciz abbazi tad-dikjarazzjoni li saret a tenur tal-art.873(3) tal-Kap 12 li l-Awtorita' ma kellha ebda ħsieb taghmel dak lir-rikorrenti jridu li jiġi miżmum. Kien proprju ghalhekk illi l-Qorti filwaqt li cahdet it-talba ghall-hrug tal-mandat wissiet espressament "**illi kullħadd għandu jżomm f'moħħu dak dikjarat mill-Awtorita' u r-responsabilitajiet inkorsi jekk tali jiġu miksura**[5]**.**" Illi fil-kaz illi l-intimati, jew min minnhom, ser jipprocedu kif inghad apparti r-responsabiltajiet li wissiet dwarhom il-Qorti ser irendu ruhhom ukoll hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-istess Qorti.*

*Illi kif diga deciz minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha tat-18 ta' Frar 2022, id-dritt vantat mir-rikorrenti fir-rigward tal-informazzjoni privileggjata taghhom "huwa vera u reali u jinħtieġ li dejjem jigi protett*

[4] Enfazi mizjuda
[5] Enfazi mizjuda

*altrimenti jafu jiġu stultifikati id- drittijiet fundamentali marbuta mas-smiegħ xieraq meqjus mill- att wiesgħa tiegħu".*

*Illi ghalhekk huwa evidenti li l-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrenti jekk l-intimati ma jigux inibiti kif qed jintalab permezz tar-rikors odjern ser ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' dak li qed jintalab li l-intimati jigu mizmuma milli jaghmlu u dan ghaliex la darba l-intimati jaqraw u/jew jipprocessaw u/jew jaghmlu xi uzu mod iehor mill-istess informazzjoni u dokumentazzjoni privileggjata qatt m'hu ser ikun possibbli li jregghu l-arlogg lura (ma jistawx ihassru mill-memorja taghhom dak li jkunu qraw u/jew iregigghu lura l-iprocessar abbuziv li jkun sar tal-informazzjoni u dokumentazzjoni in kwistjoni) u b'hekk id-drittjiet tar-rikorrenti ser jigu ppregudikati irrimedjabbilment qabel ma din il-Qorti ser ikollha l-opportunita' tiddeciedi il-kawza fl-ismijiet premessi bin-numru 292/2022CFS li tinsab pendenti quddiemha.*

*Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jigi rilevat is-segwenti:*

*(i) illi kien biss fil-kors tas-smiegh tal-kawza fl-ismijiet premessi bin-numru 292/2022CFS illi r-rapprezentat ta' Mazars – wara t-talba li saritlu in ezami mid-difensur tar-rikorrenti fis-seduta tal-5 ta'Lulju 2022 (kopja tat-traskrizzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok D1) – elenka permezz ta' nota pprezentata minnu fl-4 ta' Awwissu 2022 id-dokumenti illi skond Mazars sa dakinhar kienu ghadhom ma gewx provduti mir-rikorrenti (kopja tan-nota hawn annessa u mmarkata bhala Dok D2). L-istess xhud fl-ezami li sarlu fl-24 ta'Ottubru 2022 ikkonferma illi l-posizzjoni ta' Mazars dwar dawk id-dokumenti ma kienitx giet ikkomunikata precedentement lir-rikorrenti "ahna ma kkomunikajna fuq xejn ma' Lifestar li tirrigwardja l-investimenti, voldieri wara din id-data [i.e. wara li saret l-extraction of information u wara li ghamilna dawk ir-requests] ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni ma' Lifestar fuq dawn l-investimenti" (kopja tat-traskrizzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok D3);*

*(ii) illi r-rikorrenti wiegbu ghan-nota tal-4 ta'Awwissu 2022 ta' Mazars permezz ta' ittra tal-21 ta' Ottubru 2022 li kopja taghha giet esebita minn Cristina Casingena fix-xhieda taghha tal-24 ta' Ottubru 2022 (kopji tat-traskrizzjoni u tal-ittra suriferita hawn annessi u mmarkati bhala Dok E1 u Dok E2 rispettivament); Flimkien ma l-ittra indirizzata lill-Mazars r-rikorrenti pprovdew u/jew regghu pprovdew mill-gdid l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fin-nota ta' Mazars (jinghad ukoll illi fil-fehma tar-rikorrenti hafna mill-informazzjoni u dokumentazzjoni msemmija minn Mazars fin-nota taghha kienet diga giet pprovduta lill-Mazars precedentement mir-rikorrenti);*

*(iii) Illi mil-21 ta' Ottubru 2022 sa llum la Mazars u la hadd aktar mill-intimati ma kkommunika mar-rikorrenti dwar l-ittra taghhom tal-21 ta' Ottubru 2022 u l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni hemm inkluza;*

*(iv) Illi apparti minn hekk, ir-rappreżentant ta' Mazars waqt ix-xhieda tieghu in ezami fit-12 ta' Dicembru 2022 ma cahadtx illi fost id-dokumentazzjoni li Mazars kienet qed tilob min ghand ir-rikorrenti kien hemm dokumentazzjoni li setghat diga' kienet f'idejn l-Awtorita' intimata u kkonferma li ma sar ebda tentattiv min-naha ta' Mazars biex tikseb dik l-informazzjoni u/jew dokumentazzjoni minghand il-principal taghha, ossia l-Awtorita' intimata (ara traskrizzjoni tat-12 ta' Dicembru 2022 pagna 20, Dok C);*

*Illi ghalhekk, apparti li huwa illegali li l-intimati, jew min minnhom, jaccessaw u/jew ikomplu jaccessaw id-data li ghamlu kopja taghha minn fuq is-servers, laptops u l-email accounts tar-rikorrenti, bl-informazzjoni u/jew dokumentazzjoni privileggjata li hemm fiha, l-agir taghhom huwa wkoll irragonevoli ghall-ahhar. Dan billi l-intimati jew min minnhom diga' ghandhom f'idejhom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni elenkata minn Mazars fin-nota taghhom tal-4 ta' Awwissu 2022 u fi kwalsiasi kaz hemm mezzi ohra disponibbli ghalihom biex jiksbu l-istess informazzjoni u/jew dokumentazzjoni minghajr ma jipprocessaw l-informazzjoni u dokumentazzjoni privileggjata tar-rikorrenti, bi ksur tad-drittijiet taghhom;*

*Illi l-agir tal-intimati jew min minnhom illi ghamlu kopja tad-data kollha minn fuq is-servers, laptops u l-email accounts tar-rikorrenti sabiex jaccessaw u/jew jipprocessaw dik id-data minn post iehor (i.e. minn barra l-post okkuppat mir-rikorrenti) mhuwiex konformi mad-dispost tal-ligi senjatament:*

*- L-art 34(1) tal-Kap 345: "Kull uffiċjal, impjegat jew aġent tal-awtorità kompetenti, mal-produzzjoni, jekk mitlub, tal-prova tal-awtorità tiegħu, jista' jidħol f'post okkupat minn persuna li lilha jkun ġie notifikat avviż taħt l-artikolu 32 jew li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu investigati taħt l-artikolu 33, sabiex minn hemm[6] jikseb l-informazzjoni jew dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż, jewxort'oħra għall-fini tal-investigazzjoni, u sabiex jeżerċita kullwaħda mis-setgħat mogħtija bl-imsemmija artikoli."*

*- L-art. 31(1) tal-Kap. 403: "... kull uffiċjal, impjegat jew aġent tal-awtorità kompetenti, wara li juri evidenza tal-awtorità tiegħu, jista' jidħol f'post okkupat minn persuna li lilha jkun notifikat avviż taħt l-artikolu 29 jew li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu mistħarrġa taħt l-artikolu 30, sabiex minn hemm[7] jikseb it-tagħrif jew id-dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż, jew*

[6] Enfazi mizjuda
[7] Idem

*xort'oħra għall-finijiet tal-istħarriġ, u sabiex jeżerċita s-setgħat mogħtija bl-imsemmija artikoli*

*- L-art. 16(1) tal-Kap. 370: "kull uffiċjal, impjegat jew aġent tal-awtorità kompetenti, li juri jekk mitlub, evidenza tal-awtorità tiegħu, jista' jidħol f'post okkupat minn persuna li lilha jkun notifikat avviż taħtl-artikolu 13 jew li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu mistħarrġa taħtl-artikolu 14, sabiex minn hemm[8] jikseb u, jew jivverifika l-informazzjoni jew id-dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż, jew xort'oħra għall-finijiet tal-istħarriġ, u sabiex jeżerċita is-setgħat mogħtija bl-imsemmija artikoli."*

*Illi id-disposizzjonijiet imsemmija li fuqhom hija ibbazata l-ordni tal-Awtorita' intimata kollha jezigu espressament illi l-kisba jew verifika tad-data issir "minn hemm" ossia mill-post okkupat mill-persuna/i li liha / lilhom jkun gie notifikat l-avviz in dizamina, jigifieri mill-post okkuppat mir-rikorrenti;*

*Illi l-ezercizzju li Mazars qed tipproponi li taghmel skond ix-xhieda tar-rapprezentant taghha tat-12 ta' Dicembru 2022, fuq l-ordni tal-Awtorita' intimata, u bl-intervent tal-intimat l-iehor Cutajar ma hi xejn hlief fishing expedition.*

*Illi bir-rispett dovut l-Awtorita' intimata ma ghandhiex il-poteri ta' Magistrat skond l-artikolu 355G u 355L tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Illi fi kwalsiasi il-privilegg professjonali jinsab protett anki fl-isfond tal-poteri msemmija fl-artikolu 355G u 355L tal-Kodici Kriminali. Il-Kamra tal-Avukati fil-Practice Note taghha datata 01 ta' Ottubru 2021 tispjega x'ghandu jsir fil-kaz ta' perkwizizzjoni li tkun tidher li tista' testendi ghal xi dokumenti jew informazzjoni li jistghu ikunu privileggjati. L-istess Kamra tghid illi l-ufficjal investigattiv ghandu jigi infurmat:*

- *that the information is covered by LPP;*
- *that article 355G of the criminal code limits any search or seizure to materials that are not covered by LPP, and that such warrants cannot extend to LPP materials;*
- *refrain from handing over any client files which contain confidential or privileged communications. Client files should be presumed to contain at least some confidential information and privileged communications;*
- *refrain from allowing access to any electronic or digital system that provides access to client data and communications;*
- *as soon as possible file an application in the same acts of the warrant issued to explain the position to the magistrate issuing the order[9].*

[8] Idem

[9] Ara pagni 16-17 tal-Practice Note hawn annessa bhala Dok 'F'.

*Illi f‘ pagna 18 tal-Practice Note il-Kamra tmur oltre billi tghid illi fil-kaz fejn persuna tircievi ordni sabiex tipproduci informazzjoni fejn:*

- *the inquiring magistrate has not indicated that he/she is satisfied that the crime exception applies, and*
- *the investigating officer believes that none of the information on the file would be classified as protected or LPP material or that they should have access to the LPP material,*

*You may suggest, indeed you ought to insist:*

*(i) that the material is handed over directly by you to the magistrate issuing the order and that* ***it is the magistrate that would then have the duty to review, in your presence, the material and determine whether it is covered by legal professional privilege or not. This signifies that until such a determination is made no such material should be accessible to any investigating officer or any public authority****;*[10]

*Illi fil-kaz odjern, id-data tar-rikorrenti mhiex qeghdha f'idejn Magistrat izda qeghdha f'idejn delegat tal-Awtorita‘ u/jew s-sub-appaltatur tieghu; Illi inoltre huwa evidenti illi jinsab prospettat li l-analizi u/jew processar tal-informazzjoni privileggjata isir minn Mazars u/jew Cutajar (mhux minn Magistrat).*

*Illi r-rapprezentat ta‘ Mazars xehed fit-12 ta‘ Dicembru 2022 (Dok C pagna 11) illi:*

*"qabel ma nibdew dan l-analizi ha jsir training session diga'pjanat u diga'nafu Mamo TCV ha jaghtu dan it-training session specifikament duq zewg affarijiet, fuq x'inhu legally privileged data, apparti minn Mazars is-sur Keith Cutajar ukoll ha jattendi dan qabel ma mmissu jew nippruvaw nanalizzaw xi data, avolja s-sur Keith Cutajar mhux inkarigat jaqra jew janalizza xejn xorta he will be subject to that, u qabel ma nibdew nipprocessaw din id-data ha jkollna dan il-kors.*

*Apparti mid-definition ta'legally privileged data dan is-session ha jkun ukoll ikopri l-proceduri interni li ahna we are expecting our staff, not expecting, we are insisting our staff to follow in the case that potentially legally privileged data is identified."*

*Illi bir-rispett dovut din ix-xhieda turi kemm fil-fatt l-intimati qed jimxu b'mod arbitrarju u lil hinn mill-qafas legali. Tajjeb kemm hu tajjeb li Mazars u Cutjar – li mhumiex struwiti fil-ligi u li ma ghandhomx warrant ta‘ avukat – jiehdu tahrig dwar il-privilegg professjonali, l-arrangamenti proposti mill-intimati ma jaghtu l-ebda assikurazzjoni illi ma jigix mittiefes ebda privilegg vantat mir-rikorrenti. Skond il-ligi nostrana l-analizi ta‘*

[10] Emfasi mizjuda

> *x'informazzjoni hija privileggjata hija fdata unikament f'idejn Magistrat limitatament fil-kuntest tal-artikolu 355G u 355L tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) biex jigi assigurat id-dritt ta' smiegh xieraq. L-Awtorita' intimata la ghandha l-poteri ta' Magistrat u lanqas ma tista tarroga ghaliha dawk il-poteri. Wisq anqas ma tista tiddelega poteri li ma ghandhiex lil Mazars u/jew lil Cutajar. L-Awtorita' intimata ma tista' qatt tassigura li ma jigix mittiefes il-privilegg professjonali fl-iprocessar tal-informazzjoni u data tar-rikorrenti billi kif inhu ben risaput fl-investigazzjonijiet taghha l-Awtorita' taghmilha ta' investigatur, prosekutur u mhallef fl-istess hin.*
>
> *Illi fil-kaz illi l-intimati ma jigux inibiti kif mitlub, bl-agir taghhom, jew ta' min minnhom, kif indikat li ser isir fix-xhieda tar-rapprezentant ta' Mazars, id-drittijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-informazzjoni privileggjata tar-rikorrenti skond l-art. 588 tal-Kap 12 ser jigu lezi serjament b'mod irriversibbli;*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tat-13 ta' Jannar 2023, fejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi żmien prefiss biex iwieġbu, u fejn appuntat ir-rikors għas-smigh ghall-udjenza tat-23 ta' Jannar 2023.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati.

Rat ir-**risposti** tal-intimati ppreżentati fit-23 ta' Jannar 2023, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex ticħad it-talbiet tar-rikorrenti għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2023, **Ray Schembri** in rappreżentanza tal-Awtorita intimata ai termini tal-Artikolu 873(3) tal-Kap. 12 *ma setgħax jiddikjara fil-Qorti illi hemm il-ħsieb illi ma jitwettaqx xi ħaġa minn dak kontenut fit-talba magħmulha fir-rikors promotur.*

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza miżmuma fit-23 ta' Jannar 2023 u rat illi r-Rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

Rat li bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, il-partijiet permezz ta' noti rispettivi intavolati fl-24 ta' Jannar 2023, ippreżentaw kopja tal-ittra li bagħtet l-Awtorita` intimata lis-soċjetajiet rikorrenti nhar is-26 ta' Novembru 2021, kif ukoll ir-risposti li l-istess soċjetajiet rikorrenti kellhom għall-istess ittra.

**Ikkunsidrat**:

Illi kif jirriżulta mir-rikors promotur u d-dokumenti esebiti is-soċjetajiet rikorrenti fl-4 t'April 2022 intavolaw proċeduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet premessi (Rik 292/2022CFS) li permezz tagħha talbu lill-Qorti tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata li permezz tagħha l-intimati ħadu pussess u kontroll ta' informazzjoni u dokumentazzjoni privileġġjata bħala nulla u invalida u dana peress li tmur kontra l-Kostituzzjoni u hija *ultra vires* u illegali għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jispjegaw li fis-26 ta' Jannar 2022, kienu ntavolaw rikors quddiem din il-Qorti, diversament preseduta (Mandat 120/2022MH) b'talba simili għal dik tal-mandat odjern, bil-konsegwenza li l-Awtorita` intimata iddikjarat bil-ġurament li ma kellha l-ebda intenzjoni tagħmel dak li r-rikorrenti kienu qed jippruvaw iżommuha milli tagħmel. Għaldaqstant, il-Qorti kienet ċaħdet il-mandat b'dan illi d-dikjarazzjoni tal-intimata Awtorita` li kienet torbot ukoll l-intimati l-oħra kellha tinżamm.

Illi fil-kors tal-proċeduri fuq ċitati irriżulta mix-xhieda li l-intimati Mazars u Cutajar kienu ngħataw struzzjonijiet mill-Awtorita` intimata sabiex jibdew janalizzaw u/jew jipproċessaw l-informazzjoni/data meħuda mis-*servers, laptops u l-email accounts* tar-rikorrenti. Jikkontendu li jekk kemm -il darba jsir dan ser jiġu leżi d-drittijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-informazzjoni u/jew dokumentazzjoni koperta bil-privileġġ professjonali li hu protett bl-artikolu 588 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 38, 39 u 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Oltre` minn hekk ser jikser id-dikjarazzjoni magħmulha fil-mori tal-Mandat t'Inibizzjoni fuq ċitat.

Jikkontendu li l-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrenti jekk l-intimati ma jigux inibiti kif qed jintalab permezz tar-rikors odjern ser ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' dak li qed jintalab li l-intimati jigu mizmuma milli jagħmlu u dan ghaliex la darba l-intimati jaqraw u/jew jipproċessaw u/jew jagħmlu xi użu mod iehor mill-istess informazzjoni u dokumentazzjoni privileggjata qatt m'hu ser ikun possibbli li jregghu l-arlogg lura u b'hekk id-drittjiet tar-rikorrenti ser jigu ppregudikati irrimedjabbilment qabel ma din il-Qorti ser ikollha l-opportunita' tiddeciedi il-kawza fl-ismijiet premessi bin-numru 292/2022CFS li tinsab pendenti quddiemha.

Jikkontendu li l-Awtorita' intimata ma għandhiex il-poteri ta' Magistrat skond l-artikolu 355G u 355L tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u anke kieku stess il-privilegg professjonali jinsab protett anki fl-isfond tal-poteri msemmija fl-artikolu 355G u 355L tal-Kodici Kriminali.

Jissottomettu illi fil-kaz illi l-intimati ma jiġux inibiti kif mitlub, id-drittijiet tar-rikorrenti fir-rigward tal-informazzjoni privileggjata tar-rikorrenti skond l-art. 588 tal-Kap 12 ser jiġu leżi serjament b'mod irriversibbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi minn naħa tagħha l-**intimata Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji f'Malta** tikkontendi li t-talba għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni għandi tfalli għal tliet raġunijiet u ċioe;

l-ewwel nett li l-Mandat odjern jikkonsisti f'talba diġa` giet deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-18 ta' Frar 2022 b'numru ta' referenza 120/2022MH,

it-tieni nett l-Awtorita` intimata qiegħda tagħmel l-investigazzjoni tagħha skont il-parametri li titlob il-liġi u qeghdin jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex il-privileġġ speċjali ai termini tal-artikolu 588(1) tal-Kap 12 ikun rispettat u għalhekk l-ebda dritt *prima facie* tar-rikorrenti mhu jiġi miksur, u,

fit-tielet lok anke jekk jirriżulta d-dritt *prima facie* tar-rikorrenti għandu jirriżulta li ma hemm l-ebda ħsara jew preġudizzju rrimedjabbli qiegħed jew jista jiġi kkawżat lir-rikorrenti.

Dwar l-ewwel punt, tispjega li ma nbidel propju xejn mid-data taċ-ċaħda tal-mandat ta' inibizzjoni bir-referenza 120/2022/MH fejn it-talba kienet prattikament identika għal dik odjerna. Issostni li x-xhieda ta' Alan Craig ġiet miskwotata lil din il-Qorti mir-rikorrenti u li l-istess Alan Craig fl-imsemmija xhieda ta' spjegazzjoni ċara u sħiħa ta' dak kollu li għandu jsir qabel ma wieħed ikun jista' jibda jaqra kwalunkwe dokument li jista` jkun privileġġat. Tispjega li fl-istess xhieda gie spjegat kif inħoloq *protocol* sħiħ sabiex mhux biss ma tintużax dik l-informazzjoni iżda wkoll biex l-informazzjoni lanqas tkun disponibbli għall-investigaturi.

Dwar it-tieni punt, tiddikjara li fl-ebda mument ma kellha ebda intenzjoni li taġixxi u fl-ebda mument ma aġixxiet b'mod arbitrarju jew indiskriminat kif jirriżulta mill-ittra ta' nhar is-26 ta' Jannar 2022 u l-protokoll hemm anness li jirriżultaw wkoll mix-xhieda ta' Alan Craig. Issostni li l-intimata Awtorita` tista tieħu l-azzjoni li ħadet skont id-disposizzjoni tal-Kap 330 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll dawk il-poteri li jirriżultaw minn liġijiet aktar speċifiċi u dan sabiex taqdi d-dmirijiet tagħha. Tispjega li dawn jinkludu l-poteri li l-Awtorità tista' teżiġi li mpriża tal-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni awtorizzata tipprovdieha b'xi tagħrif jew dokumentazzjoni, l-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ lill-kull impriża bħal

dik jew kull persuna li tkun qegħda jew li kienet qegħda tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni, jew li tidher li tkun qegħda jew li kienet qegħda tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni, jew li tidher li għandha xi informazzjoni u jew dokumentazzjoni rilevanti biex fost l-oħrajn tipprovdi kull tagħrif u/jew dokumentazzjoni li l-istess Awtorità tista' tinħtieġ. Mhux biss, izda l-Awtorità għandha l-jedd tieħu kopji ta' kull dokument jew estratti tagħhom. Issostni li għalhekk il-kwistjoni hija waħda ta' bilanċ bejn id-drittijiet tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 558 tal-Kap 12 u d-drittijiet tal-Awtorita` ċitati u huwa propju dak li għamlet permezz tal-ittra tas-26 ta' Jannar 2022.

Dwar it-tielet punt issostni li l-ħsara allegata mir-rikorrenti hija purament waħda ipotetika u ċertament ma tikkwalifikax bħala ħsara jew preġudizzju rrimedjabbli. Tikkontendi li bil-prekawzjonijiet li ħadet l-intimata Awtorita`, id-drittijiet tar-rikorrenti huwa salvagwardjati u marret oltre` minn dak stipulat mill-artikolu 588 tal-Kap 12. Issostni li l-privileġġ iżda ma jestendix għal *accountants* u/jew kommunikazzjonijiet mal-istess u allura ċertament li ma teżisti ebda ħtieġa għal ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi minn naħa tagħhom is-**soċjeta' intimata Mazars Consulting Limited u l-intimat Keith Cutajar** jikkontendu li s-soċjeta' intimata ġiet appuntata u awtorizzata mill-Awtorita` intimata sabiex televa dokumentazzjoni u informazzjoni mingħand ir-Rikorrenti fil-kuntest ta' investigazzjoni illi qeghda twettaq l-Awtorita`. Tispjega li wara li r-rikorrenti ressqu l-preokkupazzjonijiet taghhom dwar il-fatt li jista` jkun hemm dokumentazzjoni privileġġata, bi qbil mal-Awtorita` intimata, ġie inkarigat Keith Cutajar sabiex minn naħa tiegħu jwettaq *filtering* tad-data elevata bla ma jaqra jew jipparteċipa fl-analiżi tad-data u għalhekk permezz ta' dan l-eżerċizzju, informazzjoni privileġġata tiġi skartata b'riskju li anke informazzjoni oħra tiġi skartata iżda dan riskju li huma lesti li jieħdu.

Dwar l-eżistenza tad-dritt *prima facie* jissottomettu illi l-jedd ta' protezzjoni u informazzjoni privileġġjata jeżisti tassew u huwa propju għalhekk li sejrin jagħmlu minn kollox sabiex ma jiġix mittiefes. Iżda, isostnu, li sabiex jirnexxi dan il-mandat jeħtieġ li r-rikorrenti juru li l-jedd pretiż ser jiġi ppreġudikat b'xi att imwettaq mill-intimati u f'dan il-kuntest isostnu li bil-*protocols*, proċeduri u miżuri mifthema li ser jiġu applikati hemm assigurazzjoni li mhu ser ikun hemm ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti. Jissottomettu li l-preġudizzju jseħħ unikament jekk dokument privileġġjat jiġi kkunsidrat bħala parti mill-investigazzjoni u tingħata deċiżjoni msejjsa fuq tali dokument u jsostnu li ċertament mhi l-

intenzjoni ta' ħadd li jiġri dan. Għalhekk isostnu li anke jekk wieħed jaqbel illi r-rikorrenti għandhom jedd *prima facie*, xorta ma jirriżultax illi dan il-jedd se jiġi b'xi mod preġudikat.

Oltre` minn hekk, isostnu li l-element ta' neċessita` għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huwa wkoll mankanti u dana stante illi kif muri qed jittieħdu miżuri stretti sabiex jassiguraw illi l-jeddijiet tar-Rikorrenti ma jiġux mittiefsa u fl-agħar ipostesi li b'xi mod jiġu, ir-rikorrenti għandhom rimedju amministrattivi għad-disposizzjoni tagħhom.

Jissottomettu li l-Qorti għandha ssib bilanċ bejn l-interessi tar-Rikorrenti u l-interess pubbliku u dana fil-kuntest li jekk kemm -il darba dan il-mandat jintlaqa` ser ikun qed iwaqqaf investigazzjoni dwar l-aġir tar-Rikorrenti li jinvolvi lic-cittadin/konsumatur u oltre` minn hemm jinħoloq preċedent perikoluż fejn investigazzjoni tista` tiġi mwaqqfa abbażi ta' biża` irraġjonevoli li se jinkiser xi privileġġ u b'hekk għodda straordinarja ta' mandat tkun qed tintuża biex tfixkel u twaqqaf investigazzjoni li tkun qed issir skont il-liġi u fl-interess għall-protezzjoni tal-pubbliku.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Ukoll, illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorgu żewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[11] qalet hekk:

[11] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbaghad l-**Artikolu 873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

> *Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, fil-kaz odjern, b`zieda mal-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Artikolu 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe`:

(a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u

(b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghar-rigward tal-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3), wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, izda huwa bizzejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-ħrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija mahsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun micħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-hruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan kollu magħdud,

il-Qorti **ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi la darba l-Mandat odjern huwa mitlub kontra Awtorita` pubblika (almenu bhala wiehed mill-intimati), jeħtieġ li l-ewwel il-Qorti tikkonsidra jekk jirriżultax r-rekwiżit ai termini tal-Artikolu 873(3) u ċioe konferma *fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir.*

Il-Qorti tosserva d-dikjarazzjoni magħmula mir-rappreżentant tal-Awtorita` intimata fl-udjenza mizmuma u għalhekk, gja la darba l-Awtorita' dehrilha illi kellha taghmel id-dikjarazzjoni taghha kif ghamlitha, tifhem li hemm il-possibilita` li jitwettaq dak li s-soċjetajiet rikorrenti qed jippruvaw iwaqqfu milli jseħħ permezz ta' dan il-Mandat. Issa l-Qorti trid tghid illi f'cirkostanzi bhal dawn, ikun dejjem aktar desiderabbli illi l-Awtorita' intimata tiddikjara b'mod car u inekwivoku jekk kinitx behsieba, iva jew le, twettaq dak li qed jigi ittentat illi jigi inibit.

Fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni 120/2022 per ezempju, jirrizulta mid-digriet tal-Qorti illi "*l-Awtorita' ma kellha ebda hsieb ta' dak li r-rikorrenti rridu li*

*jigi mizmum*". Fil-kaz odjern, id-dikjarazzjoni maghmula hija kemmxejn differenti, fis-sens illi jinghad illi l-Awtorita' ma setghatx tiddikjara "*illi hemm il-hsieb illi ma jittwettaqx xi haga minn dak kontenut fit-talba maghmula fir-rikors promotur*".

Il-Qorti tifhem ghalhekk illi mhux eskluz illi l-Awtorita' tghaddi biex twettaq xi haga minn dak li r-rikorrenti jittentaw illi jwaqqfu, u ghalhekk gja la darba ma kienx esklussivament eskluz dan, tqis li, ai finijiet tar-rekwiżit ai termini tal-artikolu 873(3), il-Qorti ma ghandiex taqbad u tiddeklina milli tikkunsidra l-mertu tal-Mandat u ser tghaddi biex tikkonsidra r-rikors ghall-hrug tal-Mandat fil-mertu tieghu minghajr l-imposizzjoni tal-ligi fuq il-Qorti illi ma tohrogx il-Mandat a bazi tad-dikjarazzjoni maghmula.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

Imiss għalhekk li l-Qorti tqis jekk jeżistix il-jedd *prima facie* tas-soċjetajiet rikorrenti. Permezz tal-mandat odjern, is-soċjetajiet rikorrenti iridu jżommu lill-intimati milli *direttament u/jew indirettament janalizzaw jew ikomplu janalizzaw, jaqraw jew ikomplu jaqraw, jaccessaw jew ikomplu jaccessaw, juzaw jew ikomplu juzaw jew b'xi mod iehor jiprocessaw kwalsiasi informazzjoni u/jew dokumentazzjoni (sia elettronika u sia fizika) privileggjata a tenur tal-art. 588 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u li giet skambjata bejn ir-rikorrenti, jew min minnhom, u l-avukati u accountants inkarigati minnhom (u vice-versa) u jigu projbiti individwalment u kull wiehed u wahda minnhom milli b'xi mod jizvelaw u/jew ikomplu jizvelaw tali informazzjoni u/jew dokumentazzjoni lil terzi (inkluz lill-intimati l-ohra).*

Jirriżulta li fil-mori tal-kawża fuq ċitata rriżulta mix-xhieda ta' Alan Craig li l-intimati bdew janalizzaw u/jew jipproċessaw l-informazzjoni/data meħuda mis-servers, laptops u l-email accounts tas-soċjetajiet rikorrenti u dana wara dikjarazzjoni mill-Awtorita` intimata, liema dikjarazzjoni kienet torbot lill-intimati l-oħra fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni fl-istess ismijiet fuq ċitat, li dan mhux ser jitwettaq.

Jirriżulta li din il-kwistjoni inqalgħet fi sfond ta' investigazzjoni li l-Awtorita` intimata qiegħda tagħmel fil-konfront tas-soċjetajiet rikorrenti, fejn ingaġġat is-servizzi tal-intimati l-oħra sabiex jaqdu funzjonijiet li l-Awtorita` m'għandhiex ir-riżorsi sabiex taqdi.

Jirriżulta li fil-mori tal-investigazzjoni, l-awtorita` intimata tat ordni sabiex tiġi elevata data u jittieħed kontroll ta' informazzjoni u dokumentazzjoni li kienu jappartjenu lis-soċjetajiet rikorrenti, liema data setgħet tinkludi dokumentazzjoni privileġġjata u dwar dan, ir-rikorrenti ppreċedew bi proċeduri ċivili quddiem dawn il-Qrati, bir-referenza 292/2022CFS.

Jirriżulta mix-xhieda tal-istess Alan Craig, li s-soċjeta` intimata, fuq ordni tal-awtorita` intimata, kellha tanalizza data estratta mis-soċjetajiet rikorrenti. Jirriżulta li din id-data kellha tiġi l-ewwel separata minn dak li hu relevanti u dak li mhux - imbagħad kellu jsir *filtering* ieħor biex tiġi eliminata d-data kollha li hi privileġġjata, u dan sabiex dik id-data ma tiġix ipproċessata u analizzata. Jirriżulta li dan il-proċess ta' eleminazzjoni ta' ċertu dokumenti għandu jsir minn Keith Cutajar, li hu estranju għall-investigazzjoni.

Jirriżulta li s-soċjeta` intimata għandha sistema li dak li ġej minn ċertu *domains* jitneħħa mal-ewwel u lanqas biss ġie moqri – liema *domains* jikkonsistu f'dawk id-*domains* li jappartjenu lid-difensuri legali li normalment jużaw is-servizzi tagħhom is-soċjetajiet rikorrenti. Jirriżulta li dan il-proċess isir fil-maġġor parti minnu permezz ta' *software* u għalhekk d-data ma tiġix fiżikament moqrija minn persuna fiżika.

Din il-Qorti, bħal Qorti diversament preseduta qabilha, hija tal-fehma li l-jedd għall-protezzjoni ta' dokumentazzjoni privileġġjata *huwa veru u reali u jinħtieġ li dejjem jiġi protett*, u għalhekk l-analiżi ta' din il-Qorti għandha tkun fis-sens li teżamina fuq livell *prima facie* hux qiegħed jiġi mittiefes mill-intimati, u sabiex tagħmel dan ser iżżomm f'moħħha ir-rekwiżit tal-proporzjonalita` ai termini tal-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti hija sodisfatta fuq livell *prima facie* li l-protokoll li ħejjiet l-awtorita` intimata u li qegħdin jadottaw l-intimati l-oħra, kien imfassal bl-għan ewlieni li d-drittijiet tas-soċjetajiet rikorrenti fir-rigward ta' dokumenti privileggjati jiġu salvagwardjati. Jirriżulta li minn kif hi konfigurata s-sistema, saħansitra hemm ir-riskju li jiġi skartat dokument li ma kellux jiġi skartat, u dan a vantagg tas-socjetajiet illi talvolta jistghu jkunu qed jigu nvesigati, iżda l-awtorita` intimata hija lesta li tieħu dak ir-riskju propju sabiex id-drittijiet tar-rikorrenti ma jiġux mittiefsa.

Naturalment il-Qorti tifhem li l-ebda sistema mhi garantita kompletament iżda hija sodisfatta li l-intimati qeghdin jagħmlu dak kollu li hu fil-possibilita` u l-hila

tagħhom u li hu raġjonevoli li jagħmlu sabiex appuntu d-drittijiet tas-soċjetajiet rikorrenti ma jiġux mittiefsa.

Fuq kollox il-Qorti tqis li l-kuntest li ttieħdet fih id-data tas-soċjetajiet rikorrenti huwa wieħed ta‘ investigazzjoni mill-awtorita` intimata, li għalkemm ċertament li **din il-Qorti ma trid bl-ebda mod tinftiehem li għandu jkun hemm mano libera li tagħti jedd lil xi awtorita` li tinjora u tikser id-drittijiet ta‘ min ikun qiegħed jiġi investigat, lanqas ma trid tippermetti li min ikun qiegħed jiġi investigat ixekkel il-funzjoni investigattiva ta‘ dik l-awtorita` b'mod sproporzjonat.**

Fil-każ odjern, huwa ċar f'moħħ il-Qorti li l-awtorita` intimata (u l-intimati l-oħra bħala l-lungo mano tagħha) qegħdin jaqdu dmirijiethom fil-parametri tal-liġi u qegħdin jieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex id-drittijiet tas-soċjeta` rikorrenti ma jiġux mittiefsa. Wara kollox, jirriżulta li permezz tal-ittra datata 26 ta‘ Novembru 2021, l-Awtorita` intimata kienet ċara dwar liema dokumenti riedet lis-soċjetajiet rikorrenti tikkonsenja għall-investigazzjoni tagħha, iżda jirriżulta li minkejja d-dikjarazzjoni tas-soċjetajiet rikorrenti, permezz tal-ittra għan-nom tagħhom datata t-3 ta‘ Diċembru 2021, li lesti jikkoperaw fl-investigazzjoni, ddikjaraw ukoll illi jqisu l-investigazzjoni bhala irregolari u jirriżulta li l-Awtorita` intimata kellha tispicca televa d-data minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tas-soċjetajiet rikorrenti. Għalhekk kien unikament minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tas-soċjetajiet rikorrenti nnfushom li d-dokumenti privileġġjati setghu inqabbdu fid-dokumenti elevati.

**Għalhekk, in vista tas-suespost il-Qorti hija sodisfatta ai termini tal-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta‘ Malta li għalkemm is-soċjetajiet rikorrenti fuq bażi *prima facie* għandhom il-jedd li dokumenti privileġġjati ma jiġux ipproċessati, il-mandat mhuwiex meħtieġ sabiex dawk id-drittijiet ma jiġux mittiefsa għax hemm biżżejjed salvagwardi biex dan ma jseħħx u b'hekk ma tqisx li r-rekwiżiti tal-Artikolu 873(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta‘ Malta huma sodifatti.**

**Barra minn hekk, il-Qorti tqis li jekk kemm -il darba dan il-mandat jiġi miċħud, il-preġudizzju mhuwiex sproporzjonijat meta mqabbel mal-għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma u b'hekk lanqas dan ir-rekwiżit mhu sodisfatt.**

In ogni caso, fl-ipotesi remota li xi wieħed mid-dokumenti privileġġjati ma jinqabadx bis-sistema tal-*filtering*, il-Qorti tqis illi l-veru preġudizzju jseħħ jekk

kemm -il darba l-intimati jutilizzaw l-informazzjoni kontenuta f'dak id-dokument għall-vantaġġ tagħhom jew għall-iżvantaġġ tas-soċjetajiet rikorrenti – liema azzjoni l-intimati qeghdin jiddikjaraw li mhux ser jagħmlu u kieku stess jagħmlu s-soċjetajiet rikorrenti għandhom rimedji ordinarji u amministrattivi għal tali azzjoni, kif fil-fatt gja qed jiehdu.

**Għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li r-rekwiżit tal-preġudizzju rrimedjabbli huwa wkoll mankanti.**

**Għaldaqstant,** għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi –

1. **Tiċħad** it-talba għall-ħrug tal-Mandat billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-istess;

2. **Tħassar** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-13 ta` Jannar 2023, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent b`mod provviżorju;

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tas-soċjetajiet rikorrenti.

Moghti *in camera* illum, l-Erbgħa l-1 ta' Frar 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**